# AVVIŻI

1. Inħeġġu lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, kif ukoll lil dawk li jiġu għal-laqgħat ta' talb, jew jiġu jitolbu matul il-ġimgħa il-Girgenti, biex jieħdu formola ta' applikazzjoni għal sħubija (*Membership*) fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni,, li issa hemm miktubin fih mijiet kbar ta' devoti tal-Madonna.

   Dawn il-formoli tistgħu toħduhom mill-Girgenti stess jew, jekk ma tistgħux tmorru il-Girgenti, tiktbu lill-Editur ta' dan il-Fuljett:

   **Bro. Victor Privitera,**
   **Stella Maris College**
   **Gżira.**

   Għal aktar informazzjoni staqsu lil xi Membru tal-Kumitat.
2. Inħabbrulkom li s-Seba' Ktieb bl-Ingliż fis-serje: *Titular Ġdid* ġie ppubblikat u tistgħu tixtruh mill-Girgenti, jew tiktbu lis-Segretarja tal-Kumitat

   **Dr. Sylvana Spiteri LL.D.,**
   **6/A2, Main Street, Siġġiewi,**

   jew lil Bro. Victor, fl-indirizz ta' fuq.
3. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mitlubin jiktbulna mingħajr dewmien. Agħtu dettalji kemm tistgħu fuq il-grazzja li qlajtu. Tinsewx tibagħtu isimkom, l-indirizz, in-numru tat-telefon. Dan agħmluh anke jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fil-fuljett. F'dan il-każ isimkom ma jiġix ippubblikat, imma jinżamm mar-rekords l-oħra tal-Ġrajjiet tal-Girgenti.
4. Il-Laqgħat ta' talb li jmiss se jsiru kif ġej:

   Il-Ħadd 4 ta' April fil-5.30 pm
   Il-Ħadd 18 ta' April fil-5.30 pm
   Il-Ħadd 2 ta' Mejju Pellegrinaġġ fis-6 pm
   Il-Ħadd 16 ta' Mejju fis-6.30 pm
   Il-Ħadd 6 ta' Ġunju fis-6.30 pm
   Il-Ħadd 20 ta' Ġunju fis-6.30 pm
   Il-Ħadd 4 ta' Lulju fis-6.30 pm
   Il-Ħadd 18 ta' Lulju fis-6.30 pm
   Il-Ħadd 1 ta' Awissu fis-6.30 pm
   Il-Ħadd 15 ta' Awissu fis-6.30 pm

**DIJKARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.**

Veritas Press - Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 38 APRIL 1999 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Il-kamra-kappella fid-dar ta' Ġuża Mifsud*

## IT-TWISSIJIET TA' ĠUŻA MIFSUD

Is-snin jgħaddu u ma jistennew lil ħadd. Is-snin ta' Ġuża Mifsud għaddew ukoll imma t-twissijiet u l-messaġġi tagħha għadhom hemm.

Jekk taqraw il-kotba li ġew ippubblikati s'issa fuq il-Ġrajjiet tal-Girgenti u li fihom il-Messaġġi kollha li l-għażiża Ġuża għadditilna min-naħa tal-Madonna, flimkien mat-twissijiet tagħha stess, ma tistgħux ma żżommux din is-sena 1999 bħala waħda mis-snin l-aktar importanti fl-istorja tad-dinja u tal-umanità. Jiena se nġib siltiet bid-data u l-paġna, mis-seba' ktieb. Ġuża ma kinetx twissina biex twerwirna imma biex inżidu fit-talb li huwa tant meħtieġ illum biex Alla jeħlisna mill-kastig li d-dinja ħaqqa. Jalla nisimgħu minn Ġesù u l-għażiża Ommu.

**1. P. 43, Jannar 1996.**

"Din il-litanija (it-twila) irridu nibdew nghiduha ... halli l-Mulej iħares lejn dak li nkunu nitolbu. Jiena naf li sas-sena elfejn id-dinja ħa tbati ħafna. Mhux fil-bogħod ħafna għandu jsir xi ħaġa. Hemm xi ħaġa oħra, li s-Sinjura tal-Ħajja qaltli: "Itlob ħafna lill-Mulej biex ma tiġix fid-dinja ... mard li qatt ma kien fid-dinja dan ..."

**2. P. 55, Marzu 1996.**

Noqogħdu attenti għax mal-ħażin irid ukoll ibati t-tajjeb, għax jekk il-Mulej jibgħat xi ħaġa kontra l-ħażen, jeħel it-tajjeb ukoll. Il-Mulej għandu ħafna sabar u jdum ma jagħdab, imma jekk jagħdab jista' jasal xi ħaġa fid-dinja – xi terremot, jew xi mard kbir. Lil Alla ħadd ma jikkmandaH! Tafu x'jikkmandaH? " It-talb!"

**3. P. 84, Lulju 1996.**

Il-Madonna qaltli: "Fis-sema, l-affarijiet li qegħdin isiru fid-dinja kollha nkunu nafu bihom. Kemm qegħdin isiru erruri u affarijiet ta' mibegħda l-aktar kbira. ... Jiena għalhekk għedtlek, jekk inhu se jsir xi talb ara kif ħa tagħmlu għad-dinja kollha għaliex id-dinja kollha għaddejja minn dlam kbir, dlam kbir hawn fuq in-nies, nies tant huma ibsin, tant għandhom qalbhom tal-azzar li saru qishom kadavri immermra f'qabar, ma jħossu xejn għal ħaddieħor. Dak li jiġi min-naħa tad-dlamijiet jagħmluh, ifarrku u jkissru, joqtlu u jidfnu nies innoċenti li qegħdin jeħlu f'dawn l-affarijiet ta' dawn in-nies li qegħdin jippreparaw għal ħafna gwerer u gwerer l-aktar kbar."

**4. P. 85, Lulju 1996.**

... Qisuh dan il-kliem, biex nibdew nagħtu glorja lis-Sema, għax jaqblilna, tafux, għax li kieku mhux għax hemm it-talb tal-Mulej Ġesù u tal-Madonna, kieku qegħdin il-baħar, fejn Filfla nghumu. ... Toħdux biż-żufjett dan li qed ngħidilkom, ħuduh bis-serjetà, għax ġew nies għandi minn barra minn Malta u ma nghidilkomx kemm qaluli diskors, għax jien ma ridtx ngħidulhom imma dawn kienu jafu minn x'imkien ieħor. ... Jiena għidtlu: "Jiena naf li sakemm naghlqu l-Elfejn Sena, fid-dinja se nkomplu nsofru ħafna tbatijiet 'l hawn u 'l hemm, kemm min-naħa tal-Mulej u kemm min-naħa ta' nies vjolenti u nies li għandhom qalbhom tal-azzar, li jridu l-gwerer, li jridu jagħmlu affarijiet koroh." Jiena dan nafu mhux minn dan il-bniedem; jiena li nkun naf nafu meta jkolli xi kuntatt min-naħa tas-Sema.

**5. P. 85, Lulju 1996.**

Ngħidilkom biex nafdaw fl-id setgħana ta' Kristu, il-Feddej tagħna Ġesù tal-Ewkaristija li qiegħed jitlob għalina ħafna mit-tabernakli tad-dinja kollha biex l-Id kbira tal-imħabba u l-ħniena t'Alla, ħenn għalina u għad-dinja u mhux inkunu fi flaġell, flaġell ikbar minn ta' gwerra, għaliex jekk ikun hawn jew għarar kbir jew terremot jew xi ħaġa oħra ... ngħidilkom li jkun agħar minn gwerra. Il-gwerer koroh ħafna imma dawn aktar għax jaqgħu jew jerqu bliet f'salt!

**6. P. 97, Awissu 1996.**

Noqogħdu attenti u nobdu ħafna lill-Mulej għax il-Mulej jekk nitolbuh u nobduh, jekk hemm xi affarijiet mir-rieda ta' idejh li jkunu ser isiru fuq id-dinja b'kastig, jiena qed naċċertakom li jekk nitolbuh bil-qalb u bil-ħniena dawn l-affarijiet ma jasalx li jagħmilhom.

**7. P. 102, Settembru 1996.**

... Ilni naf biha, illi ħa jkollna xi ħaġa fid-dinja ftit żmien ieħor li ħa tinkwetana. Jista' jkun li jkunu mill-annimali selvaġġi li jkun ġej, kollox minn idejn il-Mulej ikun ġej, hu! Nitolbu biex il-Mulej Alla jħenn għalina u ma jibgħatilniex affarijiet koroh fid-dinja.

**8. P. 122, Jannar 1997.**

Mhux jgħinha s-sewwa d-dinja?! Kieku mhux jgħinha d-dinja, insibu rasna taħt it-terrapien.... Jiena ħa ngħidilkom li sas-sena elfejn mhux se jkollna tant ferħ u paċi f'qalbna għaliex sas-sena elfejn ħa nibqgħu sejrin b'din il-mibegħda, b'dawn il-ħafna nies li ma jemmnux bil-kbir Alla u ma jemmnux fis-Sema.

**9. P. 127, Frar 1997.**

"... kieku jitwerwru kieku tgħidilhom id-diskors li qiegħed għandek u għadek ma għedtux – x'ġej għad-dinja. Kemm huma affarijiet tal-biża' dawn l-affarijiet jekk il-kbir Alla jużahom minħabba tal-ebusija ta' ħafna nies mid-dinja li huma ta' awtorità ħażina, ta' awtorità kiefra, vjolenti għas-Sema."

**10. P. 132, messaġġ rekordjat f'Mejju 1994.**

... nagħmlu l-kuraġġ biex nitolbu lil Alla biex ikollu ħniena mid-dinja bħal issa, għax jekk se nibqgħu sejrin hekk hemm xi ħaġa oħra li jekk il-Mulej Alla ma jżommx idejh fuqhom dawn l-affarijiet ħa nitfarrku ħafna aktar milli qegħdin nitfarrku.

**11. P. 133, l-istess messaġġ.**

Hija Padre Pio, li qiegħed fis-Sema, kien iwissihom bil-qalb lil-dawn it-Taljani u kien jgħidilhom: "Ishru u itolbu għax ma tafux x'ġej fuq l-Italja. Bid-dnubiet li herġin minn dan il-post, ħa jkun hawn tbeżbiża.

*L-Editur*

# ITTRA LILL-MADONNA

*Fil-kaxxa li hemm il-Girgenti sibna din it-talba lill-Madonna:*

**Għażiża Madonna,**

**Jiena, illum, ġejt hawnhekk, ħdejk. Nitolbok li tfejjaqni mill-isturdament.**

**Skużani, Madonna, ta' kemm forsi xi drabi offendejtek. Aħfirli! Aħfirli! Aħfirli! Inħobbok għal dejjem. XXX.**

**Itlob għall-familja kollha tiegħi u żommha dejjem taħt il-ħarsien tiegħek.**

**Madonna ħu ħsiebi XXX**

**(Iffirmata) Tifla ta' ħdax-il sena.**

# SILTA LI NQRAT F'JANNAR 1999

Fl-ewwel Ħadd tax-xahar ta' Mejju tas-sena 1988, il-ħin kien il-ħabta ta' xi s-siegħa neqsin kwart, jiena u s-Sinjura tal-Ħajja kellna diskussjoni fit-tul fuq il-ħniena t'Alla. Il-ħniena t'Alla hija kbira ħafna u l-Madonna qaltli: "Inti qegħda tbati ħafna, l-aktar li qegħda tbati b'dak li nġiblek jiena quddiem għajnejk. Dawk l-affarijiet li qegħdin isiru fil-pajjiżi ta' 'l hemm mill-gżejjer tagħkom, dawk l-istraġi koroh u kbar tal-gwerra li qegħdin isiru. Binti, itlob għalihom, taqtax qalbek, agħmel kuraġġ, itlob għall-bżonnijiet ta' dawk in-nies illi qegħdin jagħmluha ta' gvernaturi, jew ta' Presidenti li mingħalihom qegħdin jagħmluha ta' nies bravi ħafna u li qegħdin jaħqru lil dawn il-povri nies biex isibu l-ħniena quddiem Alla, jindmu minn dawk id-dnubiet enormi li qegħdin jagħmlu bl-addoċċ fuq dawn ħuthom stess. Dan Alla ma jridux.

Dana jrid ikun hemm nies vittma għalihom, li jafu jumiljaw ruħhom, jafu jkunu sempliċi, jafu jfarrku qalbhom bit-tbatija. Għalhekk, binti ħa ngħidlek illi inti qegħda titfarrak b'dawn it-tbatijiet kemm ta' l-art tiegħek minħabba xi nies li huma ibsin fir-rieda tagħhom, ibsin fis-suppervja tagħhom, jagħmlu att ta' gideb u kliem b'ieħor fuq ħaddieħor biex li qed jagħmel ħaddieħor iġibuh fix-xejn għax huma kollox u ħaddieħor ma hu xejn.

Ibda itlob għall-art żgħira tagħkom, itlob biex kulħadd jagħraf lil Alla, kulħadd iġib quddiem għajnejh li kollox ġej minn Alla, u li ma għandu jsir xejn kontra Alla, għax Alla dan ikun jaf bih f'kull ħin, f'kull mument, ikun jaf bih binhar, ikun jaf bih bil-lejl, ikun jaf fil-moħbi, ikun jaf fid-deher, ikun jaf b'kollox il-Mulej.

Għalhekk, binti, itlob ħafna ħalli quddiem Alla ssib ħafna ħniena għal dak li inti qed tagħmel permezz ta' dan li qed ngħidlek jiena u nġiblek mis-sema, biex inti kemm tista' ġġib il-kwiet fuq ħaddieħor, iġġib l-armonija tat-talb, iġġib ħafna intenzjonijiet eżatti kif irid Alla u mhux dawk l-intenzjonijiet illi jfarrku lil ħaddieħor u jfarrku lid-dinja. Għidu b'qalbek miftuħa beraħ li minn dawn il-gwerer ħadd ma qiegħed jieħu xejn ħlief li qegħdin jieħdu l-ġustizzja tal-mibegħda tagħhom infushom u jiġbdu l-qilla t'Alla. Inti dan qed tagħmlu biex din il-qilla t'Alla tikkwietha, biex ma jkomplux jinsistu fuq dawn il-vendikazzjonijiet ta' gwerer, fuq dan il-qtil bl-addoċċ ta' ħaddieħor u li qegħdin anke jżommu il-manteniment li jmur għalihom minn artijiet oħra.

Binti, itlob ħafna biex qalbhom minn qalb tal-bronż issirilhom qalb tajba, qalb tal-laħam u ma jkomplux sejrin b'din ir-rovina li qabdet id-dinja tal-lum, id-dinja li tant qegħda tkun kiefra, id-dinja li qegħda titfarrak biċċa biċċa mingħajr ma qiegħed jinduna ħadd minnhom.

Dana bih qed jinduna Alla u qegħdin jindunaw dawk l-erwieħ li huma nnoċenti, li huma bla ħtija, li għandhom kull dritt għall-ħajja tagħhom li ma jmisshielhom ħadd u dawna minflok li qegħdin jieħdu d-drittijiet tagħhom biex ikomplu jgħixu għalihom u għall-familji tagħhom, qegħdin imsieken imutu bit-tbatija, imutu bil-ġuħ, imutu bl-għera, imutu bla saqaf imutu b'dawn it-tbatijiet kollha.

U għalhekk, jiena ħa ngħidlek, binti, kemm inti u kemm dawk li għandhom rieda tajba itolbu ħafna, għidilhom jitolbu miegħek biex dik l-intenzjoni tant tkun sħiħa fil-menti tagħkom u fil-qalb tagħkom biex Alla jħenn għad-dinja u jġib dik il-paċi, il-paċi li fiha jkun hemm il-Mulej u jridha Alla. Ħafna nies jippridkaw il-paċi u ħlief imrar u mibegħda m'għandhomx f'qalbhom. Iridu jfarrku l-intenzjoni ta' ħaddieħor tkun tajba kemm tkun tajba, jgħawġuha kif iridu huma biex jgħidu li huma qegħdin jagħmlu t-tajjeb u ħaddieħor qed jagħmel il-ħażin. Dawn in-nies tant huma qarrieqa u b'idejhom vojta għal ħaddieħor, jistmerru l-ħaddieħor, jiskuraw lil ħaddieħor, jimmalafamaw lil ħaddieħor, nies li qegħdin iġibu affarijiet ta' tħarbit u ta' intenzjoni ħażina fid-dinja rigward l-intenzjoni tal-qirda li qed ngħidlek jiena.

Għandu jkun hemm tifħir għal dawk in-nies li jagħmlu bħalma qed tagħmel inti, li tippriedka l-evanġelju tal-Mulej, li tippriedka l-paċi, li tippriedka l-imħabba li tant qed innizzillek jiena mis-sema biex tgħidha. Tibża' minn ħadd. Agħmel kuraġġ biex din l-imħabba tkun teżisti f'artek u fid-dinja ...".

# GRAZZJI MAQLUGĦA

**1. Rapport ta' Marija Sciberras minn Ħal Balzan.**

Marija tgħid li omm ir-raġel tagħha kienet issofri minn nuqqas ta' kontroll ta' għajnejha. Kienet titlef il-vista għax kienet titwerreċ.

Marija ħaditha l-isptar għal *check up* ta' għajnejha. Imma mill-eżami ma ħareġ xejn pożittiv għax qalulha li ma setgħux isibu l-kawża ta' dan id-difett tal-għajnejn.

Marija u omm ir-raġel marru flimkien il-Girgenti u din bdiet ixxappap għajnejha bl-ilma nieżel fil-ħawt li hemm. Talbu kemm felħu lill-Madonna għall-fejqan. Dan kien fl-1995. Illum, Marzu 1999, ġew jirringrazzjaw lill-Madonna għall-fejqan, li kien sar.

**2. Rapport ta' Bernadette Licari minn tas-Sliema.**

Bernadette toqgħod f'Tower Road, Tas-Sliema. Fil-11 ta' Settembru 1998, filgħodu xi ħadd taha xi santi ta' Ġuża Mifsud u tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Għal xi s-2 p.m. ħarġet mid-dar tagħha biex tmur tixxemmex fuq il-blat quddiem id-dar tagħha. Sabet ħabiba tagħha u tatha waħda mis-santi. Bernadette ma kinetx taf tgħum.

Waqt li kienet qed tixxemmex, fuq il-blat qrib il-baħar, ġiet mewġa kbira, għolja xi żewġ metri, għaddiet minn fuqha u kif kienet sejra lura, il-mewġa bdiet tigbidha lejn il-baħar. Imwerwra, Bernadete talbet l-għajnuna tal-Madonna, waqt li hi ggranfat mal-blat; kieku ġiet imkaxkra fil-baħar kienet tegħreq.

Il-mewġa għaddiet u Bernadette salvat għalkemm tbenġlet u minn irkobbtejha ħareġ demm mhux ħażin.

Bernadette marret il-Girgenti, tirringrazzja lill-Madonna.

**3. Helen Saliba minn B'Kara kitbet hekk:**

Jiena hawn taħt iffirmata, nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti għall-grazzja kbira li qalgħetli.

Kont muġugħa ħafna f'sidri u kont qiegħda nistenna r-riżultat tal-X Ray tal-kanċer. Meta ġejt ninvista lill-Madonna il-Girgenti, jiena rajt lill-Madonna titbissimli ... u f'qalbi għedt jew sejra teħodni jew tfejjaqni.

Minn xħin tlaqt, l-uġigħ marli; kelli wkoll riżultat tajjeb għax wera li ma kelli xejn. Grazzi minn qalbi, Madonna.

**4. Rapport ta' Pawla Attard, mis-Siġġiewi.**

Fl-24 ta' Mejju, 1986, ir-raġel tiegħi Karmnu, qala' daqqa ta' karrozza u weġġa' sew, tant li meta ħadnieh l-isptar qalulna li se jdum hemm xi tliet ġimgħat.

Jiena kont immur xi darbtejn fil-ġimgħa għand Ġuża Mifsud nitolbu flimkien għar-rkobbtejna, quddiem l-inkwadru tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Ġuża kienet assiguratni li ma kienx se jdum l-isptar daqs kemm qaluli imma li għall-festa ta' *Father's Day* ikun magħna d-dar. Inkwantu għall-biża' li Karmnu ma kienx se jkun jimxi aktar, Ġuża kienet tgħidli biex ma naqtax qalbi għax ir-raġel kien se jkun jista' jerġa' jimxi.

Kull ma qaltli Ġuża seħħ eżattament. Karmnu beda jimxi u saħansitra beda jaħdem ukoll.

Illum (Marzu 1999) Karmnu jiġi miegħi għal-laqgħat il-Girgenti.

**5. Mary Micallef li toqgħod San Ġwann.**

Jien nixtieq nirringrazzja ħafna lil Ġuża Mifsud u lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għall-grazzja kbira li qlajt; kelli bżonn ta' operazzjoni. Jiena tlabt ħafna lill-Madonna u lil Ġuża, għax bżajt li l-operazzjoni ma kinetx se tirnexxi, għaliex il-professur qalli: "Meta nifteħek, naraw ...".

Iżda t-talb li għamilt instema', il-għaliex kollox irnexxa. Grazzi ħafna minn qiegħ qalbi.

**6. Reġina Mifsud mill-Qala, Għawdex.**

Reġina Mifsud kitbitilna kif ġej:

Jiena nixtieq nirringrazzja lill-Madonna tal-Girgenti, tal-grazzja li qalgħetli. Bl-uġigħ kbir li kelli fi rkobbti, fid-19 ta' Diċembru, 1998, mort għand il-professur u tani kors ta' pilloli u dlik. Għal għaxart ijiem mort tajjeb ħafna magħhom. Wara jumejn, l-uġigħ reġa' beda l-istess.

F'nofs Jannar, 1999, ġiet mara tħabbat il-bieb u ġabitli fuljett ***Leħen il-Girgenti*** tal-Madonna. Dak il-ħin ma tajtx każ. Wara l-ikel ftaħtu u ħadt pjaċir għax nemmen fiha ħafna, l-Madonna, allavolja qatt ma rajt santa tagħha. Imbagħad, filgħaxija, qabel ma rqadt għamilt il-fuljett fuq irkobbti u wara tlett ijiem, l-uġigħ beda jerħi ħafna u llum, irkobbti tinsab tajba ħafna.

**7. Mrs. I.C. mill-Ħamrun.**

Jiena il-mamà ta' żagħżugħa li talbet lill-Madonna tal-Girgenti għat-tifla tagħha biex ikollha il-*job* li kienet tixtieq.

L-għada stess, kellha telefonata li riduha għall-*job*. Marret tagħmel l-eżami ma' ħafna oħrajn u rnexxielha tieħu dak il-*job* li tant xtaqet. Illum, wara tliet snin għadha taħdem f'dak il-*job* li l-Madonna tal-Girgenti sabitilha u li tant xtaqet.

**8. Mary Galea mill-Marsa.**

Mary bagħtet xi flus għall-ispejjeż tal-Girgenti. Hi tittama li għad naraw il-kappella li l-Madonna tixtieq issir hemm fuq kif kienet qalet lil Ġuża.

Tirringrazzja lill-Madonna għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Ġuża għax l-operazzjoni ta' rkobbitha irnexxiet. Tittama li Ġuża tibqa' tidħol għaliha għax għandhom jagħmlulha l-operazzjoni l-oħra.